

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2013 — EMA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-116/11) ⁽¹⁾

(“Klawżola ta’ arbitraġġ — Sitt Programm Qafas dwar l-aktivitajiet ta’ riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (2002/2006) — Kuntratti Dicoems u Cocoon — Nuqqas ta’ konformità mal-istipulazzjonijiet kuntrattwali ta’ parti mill-ispejjeż iddikjarati — Rexiżjoni ta’ kuntratti — Rimbors ta’ parti mis-somom imħallsa — Danni — Kontrotalba — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Arrikkiment indebitu — Rikors għal annullament — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att li jidħol fl-ambitu ta’ kuntest purament kuntrattwali li minnu huwa inseparabbi — Nota ta’ debitu — Inammissibbiltà”)

(2014/C 31/12)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Association médicale européenne (EMA) (Brussel, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Franchi u L. Picciano, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Delaude u F. Moro, aġenti, assistiti minn D. Gullo, avukati)

Suġġett

Minn naħa, talba prinċipali intiża, l-ewwel nett, għar-imbors tal-ispejjeż sostnuti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt Nru 507126 dwar il-proġetti Cocoon u l-kuntratt Nru 507760 dwar il-proġetti Dicoems, konklużi rispettivament fis-7 u d-19 ta' Diċembru 2003 bejn il-Kummissjoni u r-rikorrenti, it-tieni nett, sabiex tiġi ddikjarata illegali d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li jiġu rexissi l-imsemmija kuntratti, it-tielet nett, sabiex tiġi annullata n-nota ta’ debitu korrispondenti u, r-raba’ nett, li jitħallas kumpens għad-dannu subit kif ukoll, min-naħħa l-oħra, talba sussidjjar bbażata fuq ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors tal-Association médicale européenne (EMA) huwa milquġi sa fejn jirrigwarda r-imbors tal-ispejjeż diretti tal-persunal marbuta mal-kuntratti Cocoon u Dicoems ta’ ammont ta’ EUR 17 231,28 kif ukoll l-ispejjeż indiretti u relatati li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-imsemmija kuntratti.
- (2) Il-kumplament tar-rikors tal-EMA huwa miċħud.
- (3) Il-kontrotalba tal-Kummissjoni Ewropea hija miċħuda.

(4) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-Kawża T-116/11 R.

(1) ĠU C 120, 16.4.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Diċembru 2013 — Colgate-Palmolive vs UASI — dm-drogerie markt (360° SONIC ENERGY)

(Kawża T-467/11) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali 360° SONIC ENERGY — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti SONIC POWER — Raġuni relativa għal rifiut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2014/C 31/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Colgate-Palmolive Company (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Zintler u G. Schindler, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: dm-drogerie markt GmbH & Co. KG (Karlsruhe, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta’ Mejju 2011 (Każ R 1094/2010-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn dm-drogerie markt GmbH & Co. KG u Colgate-Palmolive Company.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Colgate-Palmolive Company hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 319, 29.10.2011.
